MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 115/2003

**Raymond Xerri**

**vs**

**Sarah Borg**

**Segretarju, La Stella Band Club**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-konvenuti jew min minnhom ghandhom ihallsu lill-attur is-somma ta’ tlett mija u tmenin lira Maltin (Lm380) dovuti lill-attur bhala hlas ta’ danni sofferti minnu fil-vettura tieghu tal-marka ‘Isuzu Gemini’ u bin-numru tar-registrazzjoni IAR 245 per konsegwenza ta’ incident li sehh is-Sibt dsatax (19) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tlieta (2003) fi Pjazza Sabina, Victoria, Ghawdex waqt it-tigrija tal-bhejjem organizzata mis-socjeta’ konvenuta ghall-festa

ta’ San Gorg, meta l-konvenuta Sarah Borg ma ikkontrollatx iz-ziemel misjuq minnha, liema ziemel baqa’ diehel fil-vettura ta’ l-attur u ikkawza l-hsarat mertu ta’ din il-kawza.

Il-konvenuti jew min minnhom ghandhom jigu kkundannati jhallsu wkoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fid-disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru 2003 (Dok A) u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Il-konvenuti huma minn issa mharrka ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta:

1. “Illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur.

2. Illi dan l-incident gie pprovokat mill-attur innifsu li pparkja l-vettura tieghu ’l gew mill-crash barriers maghmula mill-pulizija proprju sabiex izommu d-dhul tal-vetturi f’zona li kienet riservata ghat-tlielaq taz-zwiemel.

3. Ill fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju l-ammont reklamat huwa wiehed esagerat.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema’ x-xhieda u qara’ d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra:

Illi l-incident gara waqt tigrija taz-zwiemel organizzata fi Triq ir-Repubblika, popolarment u appozitament maghrufa bhala *It-Tigrija* fil-belt Victoria, Ghawdex. Meta Triq ir-Repubblika tghaddi magemb Pjazza Indipendenza, tbiddel isimha u ssir Triq Sir Adriano Dingli li min-naha taghha tizbokka fi Pjazza Sabina. Bejn Triq Sir Adriano Dingli u Pjazza Sabina tpoggew il-barrikati mill-pulizija sabiex ma jidholx traffiku waqt it-Tigrija. It-tigrija kienet tintemm fil-parti tat-triq hdejn il-Kurja tal-Isqof. Il-vettura tal-attur kienet ipparkjata gewwa Pjazza Sabina, barra mill-barrikati.

Illi *ex admissis* il-konvenuta Sarah Borg kienet riekba ziemel li harab mill-kontroll taghha tant li baqa' sejjer oltre l-finishing line sakemm spicca habat u ghamel hsara lill-karozza pparkjata tal-attur.

Illi ma jidhirx li l-konvenut l-iehor Segretarju ta' La Stella Band Club kien b'xi mod jahti ghall-incident de quo.

Illi l-anqas jirrizulta li kien hemm kontestazzjoni dwar il-kwantum tad-danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-attur kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta Sarah Borg ghall-hlas ta' LM380 ammont ta' danni kkagunati tort taghha lill-vettura tal-attur bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-29.09.03 hlief ghall-ispejjez tal-konvenut l-iehor Segretarju ta' La Stella Band Club li huma a kariku tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------